MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 38/2010

**A B**
**Vs**
**C D E f' ismha proprju,**
**u ghan-nom ta' uliedha F D E u G D E;**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku u H D, kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu ghandu relazzjoni mal-konvenuta C D E, liema relazzjoni bdiet meta din u zewgha l-kjamat fil-kawza H D kienu diga' separati de facto; li minn din ir-relazzjoni twieldu it-tewmin F u G fl-10 ta' Ottubru 2009 li fuq l-att tat-twelid taghhom gew registrati bhala l-wild tal-kjamat fil-kawza H D; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li dawn it-tfal mhumiex il-wild naturali ta' l-imsemmi H D; kif ukoll li tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmija certifikati; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura procedurali, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, filwaqt li kkontesta li hu m' ghandux ihallas spejjez;

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament notifikati, ghazlu li jibqghu kontumaci;
Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;
Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA prezentati; mahlufa mill-awturi taghhom;[1]
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' April 2010, il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbli, irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet, in vista tal-korrezzjonijiet ordnati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tewmin G u F, li twieldu mill-konvenuta C D E fl-10 ta' Ottubru 2009, mhumiex il-wild naturali tal-kjamat fil-kawza H D; u li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid rispettivi taghhom, numri 3670/09 u 3671/09.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li, wara li l-konvenuta C D E sseparat de facto minn ma' zewgha l-kjamat fil-kawza H D, hija bdiet relazzjoni ma' terz, l-attur, fi Frar 2009.

Illi l-konvenuta D E kien ikollha relazzjonijiet intimi kompleti ma' dan it-terz bir-rizultat li harget tqila minnu, u fl-10 ta' Ottubru 2009 hija weldet lil G u F.  Hi tghid li dawn mhumiex l-ulied naturali tal-kjamat fil-kawza, izda ta' l-attur.

[1] Fols.10 - 13

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA jikkorroboraw din it-tezi.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tfal G u F li twieldu mill-konvenuta C D E fl-10 ta’ Ottubru 2009 mhumiex l-ulied naturali tal-kjamat fil-kawza H D;  u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmija atti tat-twelid

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament mill-attur u mill-konvenuta C D E fi kwoti wgwali

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------